# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 144/2013**

**Appell Numru: 146/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Chris Pullicino)

vs

**Joseph Borg**

iben Wilfred , imwieled Paola, fl-10 ta' Frar, 1937, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 163037(M)

Illum, 24 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellat/appellant Joseph Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar id-19 ta' Novembru 2012, u fil-granet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh jew bil-hsieb li jgieghel lil Rita

Schembri tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lill-imsemmija Rita Schembri jew persuna/i ohra;

Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Rita Schembri u Mark Schembri, wegghahom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor liema kitba, figuri disinji gew mxandrin jew esposti fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Marzu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 250(1), 252(1)(3), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, u ghaldaqstant illiberatu minnha.

Sabitu hati tat-tieni imputazzjoni, u ghalhekk ikkundannatu piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur, sospizi ghal sentejn, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Borgipprezentat fit-2 ta' April, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha_tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn u tikkonfermaha fil-bqija, jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fl-4 ta' April, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha_tirriforma s-sentenża billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih, fil-waqt illi tħassar u tirrevoka fil-bqija billi wara li tqis bir-reqqa l-provi pertinenti f'dan il-kaz u l-interpretazzjoni legali tad-disposizzjonijiet applikabbli, issib lill-appellat ħati ukoll tal-ewwel akkuża kif dedotta kontrih u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena aktar xierqa skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Joseph Borg u cioe':-

Illi <u>l-ewwel aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li rrizulta mill-provi akkwiziti li l-element formali tar-reat kontemplat fl-artikolu 252(1)(3) tal-Kodici Kriminali huwa manifestament nieqes.

Illi l-ewwel nett, tant dan l-element formali huwa nieqes, li la Rita Schembri u wisq anqas Mark Schembri ma ghamlu kwerela fir-rigward tar-reat ta' ingurja. Effettivament jirrizulta li fil-kwerela taghha (vide email a fol. 46) hija taghmel referenza biss ghal "threat" u "blackmail". Infatti jidher mit-*thread* ta' l-emails (vide fol. 47) li hija kienet hadet il-parir ta' l-avukat taghha Dr. Pio Valletta li qalilha li l-email kienet "threatening" u "the elements of the crime of blackmail result". Fil-fatt, fix-xiehda taghha, Rita Schembri ssemmi l-kelma "theddid" ghexieren ta' drabi. Da parti tieghu, Mark Schembri, f'xiehda lakonika, osserva li lanqas biss hass li kien qed jigi mhedded u kkonferma li kienet l-mara tieghu li kienet qed thossha mhedda. In vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 390(5) ta' l-istess Kodici, l-esponent jaghmilha cara li ma huwiex qed isostni li l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta minhabba n-nuqqas ta' kwerela izda qed jissottometti li l-fatt li ma saritx kwerela hija wkoll prova li l-kwerelanti kienu jafu li l-iskop ta' l-esponent ma kienitx li jingurjahom izda li jirrapporta kaz ta' frodi.

Illi kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Gauci*** *(03.09.2001)*, hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji ecc.) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mill-ligi li jinnewtralizza l-*animus injuriandi*, bhal per ezempju kliem li jkun intqal *animus corrigendi*, *animus consulendi* jew *animus jocandi*. Is-sentenza citata tkompli tghid li l-istess japplika jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita` kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja.

Illi dan huwa proprju dak li ghamel l-esponent, u cioe` ghamel il-prova li l-kliem meritu ta' din il-kawza ma ntqalux b'*animus injuriandi*, izda ntqalu peress li huwa kien tal-fehma li Rita Schembri kienet iffrodat lil-familja ta' Ben Kingsley u lil Omar Granata u kien ghalhekk qed jitlobha taghmel tajjeb ghall-agir taghha. Infatti rrizulta li wara li ntavola kawza civili b'diversi

talbiet, Schembri giet zgumbrata mill-fond proprjeta` tieghu proprju minhabba dan l-agir. Dan l-izgumbrament gie ordnat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili bis-sentenza fl-ismijiet ***Maltese Cross Co. Ltd. v. Mark u Rita konjugi Schembri*** tat-12 ta' Ottubru, 2006 liema sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar, 2009. F'din l-ahhar sentenza il-Qorti kkonkludiet b'dan il-mod:

*"Fid-dawl tar-raggiri da parti tal-konvenuti appellanti biex jippruvaw jahbu l-ksur tal-kundizzjoni marbuta mal-fakolta` lilhom koncessa in konnessjoni ma' l-eventwali sullokazzjoni a favur terzi tal-fond meritu tal-kontestazzjoni, ma jisthoqqilhomx li jinghataw il-purgazione tal-mora."*

Illi l-kelma raggiri ntuzat mill-Qorti ta' l-Appell minhabba l-metodi wzati mill-appellanti l-konjugi Schembri, liema metodi wasslu sabiex sar hlas lilhom li ma kienx dovut. Fil-kaz ta' Omar Granata gara li dan kellu addirittura jerga' jhallas lill-esponent. Bl-email tieghu l-esponent kien qieghed iwissi lil Rita Schembri sabiex tirrimedja u tirrifondi l-flus lill-imsemmija familja ta' Ben Kingsley u lil Omar Granata. Huwa risaput li l-uzu ta' raggiri sabiex wiehed jaghmel gwadann jikkostitwixxi reat kriminali – ir-reat ta' frodi b'eghmil qarrieqi komunement maghruf bhala "truffa" kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali (vide, per ezempju, is-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Glen sive John Debattista*** *(08.03.1995)*). Infatti huma proprja dawn ir-raggiri li jiddistingwu r-reat ta' truffa mir-reat minuri, kompriz u involut, ta' frodi innominat kontemplat fl-artikolu 309 ta' l-istess Kodici.

Illi sfortunatament jidher li l-Qorti tal-Magistrati, minflok ezaminat x'wassal lill-esponent sabiex jibghat l-email meritu tal-kawza, intilfet f'jekk kellux dritt jaghmilha ta' "judge and jury" (kliem prestat mix-xiehda ta' Rita Schembri – vide fol. 41) u fil-fatt wasslet ghall-konkluzzjoni li ma kellux dritt jaghmel dak li ghamel. Jinghad bl-akbar rispett li d-dritt ta' persuna li taghmel rimostranza meta tigi rinfaccjata b'ingustizzja jekk mhux addirittura b'att kriminali, huwa dritt civiku, dritt morali u dritt etiku. Tant kienet zbaljata l-Qorti fic-censura taghha ta' l-agir ta' l-esponent li l-istess Rita Schembri, iktar minn darba, irrikonoxxiet li l-esponent kellu dritt jaghmel dak li ghamel (vide per ezempju fols. 33, 34 u 37). Il-lament taghha kien li, skont hi, l-esponent kellu jagixxi minghajr ma jghid lilha (sic!).

Illi qed jigi sottomess bl-akbar rispett li dak li kellha taghmel il-Qorti tal-Magistrati kien li tezamina l-provi kollha tal-kaz u tara x'kienet l-intenzjoni ta' l-esponent. Jirrizulta car mill-provi li l-esponent hass li persuna li kienet involuta fl-OLAF – l-agenzija tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tinvestiga kazijiet ta' frodi – kellha dover etiku u morali li tirrifondi flejjes lill-terzi li kienu gew minnha mehuda frawdolentement. L-esponent kien qed jipprova jaghmel gustizzja ma' zewg persuni u ma kien qed jitlob xejn ghalih. Ghalkemm il-*modus operandi* tieghu jista' jkun is-soggett ta' dibattitu, certament il-fatti kif irrizultaw mill-provi juru bic-car li l-*animus injuriandi* kien manifestament nieqes u l-animu tieghu kien purament l-*animus reclamandi*.

Illi <u>t-tieni aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata kemm meta osservat li l-azzjoni ta' l-esponent kienet gravi peress li hu baghat l-email mhux biss lil Rita Schembri izda wkoll lill-persuni ohra. Konsegwentement kienet ukoll zbaljata meta sabet htija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-esponent, fl-istqarrija moghtija lill-Pulizija, spjega li kienu dahlulu d-dar u serqulu hafna affarjiet inkluz l-computer u l-printer u ghalhekk ma wzax l-email li kienet tatu Rita Schembri izda sab l-indirizz ta' l-email taghha minn fuq l-internet. Din il-versjoni hija wkoll korroborata mill-provi. Infatti jekk wiehed jara l-kopja ta' l-email mibghuta minnu, jirrizulta li r-*recipient* hija "“Rita Schembri” <u>info.iaid@gov.mt</u>". Di piu', ix-xhud tal-prosekuzzjoni Mario Debono, li huwa Senior Audit Manager fl-Internal Audit Investigations Department, qal li hadd a parti minnu ma kellu access ghal dak l-email. Qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-esponent sab dak l-indirizz minn fuq l-internet bhala li jappartjeni lil Rita Schembri u ma kellu ebda raguni ghaliex jahseb li ma kienx fil-fatt jappartjeni lilha. Ghalhekk, biss l-esponent kellu jigi lliberat jew, fl-aghar ipotesi, misjub hati tal-kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali (vide s-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Vella*** *(30.04.2001)*. Qed jigi ribadit li din is-sottomissjoni qed issir minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju.

Illi <u>t-tielet aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-Qorti tal-Magistrati kellha necessarjament tillibera lill-esponent mit-tieni imputazzjoni in kwantu, fid-

dawl tad-disposizzjoni ta’ l-artikolu 256(1) tal-Kodici Kriminali, l-allegata ingurja saret permezz ta’ l-Istampa u ghalhekk kellhom semmai japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Istampa.

Illi din id-disposizzjoni hija cara fil-portata taghha u tghid li meta l-ingurja ssir bil-mezz ta’ l-Istampa, ighoddu d-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Istampa. Huwa llum stabbilit fil-gurisprudenza li l-Istampa ma tirreferix biss ghal gazzetti u xandiriet, izda tirreferi ghal kull ma jsir bil-mezzi indikati fl-imsemmi Att. Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*** *(20.01.1998)*, kien gie deciz li ittra privata li kienet ingurjuza kellha tigi sanzjonata bid-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Istampa. Issa l-artikolu 2 ta’ dan l-Att ifisser li l-kelma “stampat” tinkludi “[…] kull diska, *tape*, film jew mezz iehor li bih kliem jew immagini vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu jew jigu riprodotti”. Huwa ghalhekk li, bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegat reat kien jinkwadra ruhu fl-artikolu 11 ta’ l-Att dwar l-Istampa u mhux fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

Illi r-raba’ aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata hija wahda esagerata tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi kif gie spjegat fl-aggravji precedenti, l-esponent ghamel rimostranza sabiex jigu rifuzi terzi persuni li huwa genwinament emmen li kienu gew iddefrodati. L-esponent huwa persuna anzjana ta’ hamsa u sebghin sena li tressaq il-Qorti b’arrest u ghamel hamest-ijiem gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin qabel ma nghata l-helsien mill-arrest. Dan kollu ghal reat li solitament iwassal ghall-piena ta’ multa. Ma’ dan ghandu jizdied li tant il-kwerelanti ma hassewhomx ingurjati li lanqas biss ghamlu kwerela fir-rigward ta’ l-allegata ingurja.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi l-ewwel u qabel kollox huwa opportun li ssir referenza għad-diċitura tal-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li tirrigwarda r-reat tar-rikatt kif prospettat kontra l-appellat:

***(1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew[1] li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.***

***(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin.***

Illi skont l-ewwel Qorti l-appellat Borg ma kkomettiex ir-reat ta' rikatt peress li kien hemm element nieqes u ċioe li l-akkużat ma kellux l-intenzjoni li jagħmel qliegħ għalih personali mill-messaġġ minaċċuz li hu bagħat lil Rita Schembri. Dan intqal peress illi skont l-email li bagħat Joseph Borg kif ukoll l-istqarrija li hu rrilaxxa, hu ppretenda li s-sinjuri Schembri iħallsu s-somma ta' Lm26,500 lil ċertu Ben Kingsley u €28,000 lil Omar Granata in konnessjoni ma kwistjonijiet ta' natura ċivili li s-sinjuri Schembri kellhom mal-appellat Joseph Borg (u mhux magħhom).

Illi fl'umli opinjoni tas-sottoskritt pero', jekk wieħed janalizza sew id-diċitura tad-disposizzjoni legali li tikkonċerna ir-rikatt, naraw preliminarjament li r-rikatt ma jirriżultax biss sabiex persuni tagħmel xi forma (tkun xi tkun) ta' qliegħ iżda tista tissussisti ukoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew xi ħaġa oħra jew sabiex persuna tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, tkun xi tkun din il-ħaġa. Dan qed jingħad indipedentement minn forom oħra kif indikati fid-disposizzjoni tal-liġi relevanti kif hawn fuq ikkwotata, li mhux qed issir referenza għalihom minħabba l-fatt li ma japplikawx għall-mertu ta' dan il-każ. Iktar importanti minn hekk pero', filwaqt li jidher l-qliegħ irid ikun intenzjonat għal min qed jirrikatta, ma tistax tingħata l-istess interpretazzjoni għal meta r-rikatt isir ai fini ta' estrosjoni ta' flus jew sabiex isir jew ma jsirx xi ħaġa. Dan fil-fatt jidher ċar li huwa x-xenarju tal-każ de quo fejn l-appellat jew jittanta jew jestorċa flejjes konsiderevoli ta' flus mill-kwerelanti u/jew li jġiegħel lill-istess kwerelanti jagħmlu xi ħaġa li legalment huma ma ġewx obbligati jew ordnati li jagħmluha. Umilment jingħad, li kieku l-interpretazzjoni tal-

[1] Emfazi tal-appellant Avukat Ġenerali.

ewwel Qorti kellha tkun korretta, r-rikatt li jsir għan-nom ta’ terzi persuni ikun dejjem wieħed ġustifikat peress li l-pretenzjoni qatt ma tkun għal min qed jikkkometti r-reat materjali.

Illi in sostenn ta’ dan l-argument issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Lourdes Castillo deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali nhar id-19 ta’ Settembru, 2012 fejn fost l-akkużi kontra l-imputata kien hemm ir-reat ta’ rikatt ta’ liema reat l-akkużata Castillo kienet instabet ħatja indipendentement mill-fatt li l-ħlas ma kienx pretiz għaliha iżda ġieli għal terzi persuni. Fil-fatt, mill-fatti ta’ dan il-każ il-kwerelant (John Attard) kien kostrett joħroġ ċekkijiet favur persuni mhux magħrufin minnu u versu theddid ta’ denunzja dwar reat allegatament kommess mill-kwerelant, fin-nuqqas ta’ pagament da parti tiegħu.[2]

Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit jingħad ukoll illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li s-Sinjuri Schembri u l-appellat Borg kellhom każ ċivili bejniethom li kien inqata’ u ieħor li kien għadu pendenti in konnessjoni ma kirja ta’ ħanut (restaurant) li s-sinjuri Schembri kienu krew mingħand l-appellat u fejn kien hemm disgwit dwar sullokazzjoni li s-Sinjuri Schembri kienu allegatament eżegwew kontra l-pattijiet fil-kuntratt tal-kirja li kellhom mas-Sur Borg. Madankollu mill-kawża maqtuha kif ukoll minn dik pendenti ma kien hemm l-ebda ordni tal-Qorti jew pretenzjoni da parti ta’ terzi persuni (l-imsemmija Kingsley u Granata) għall-ħlas jew rifużjoni ta’ flejjes li s-sur Borg kien qed jippretendi allegatament għalihom u lanqas ma jirriżulta li huma qabbdu lis-sur Borg sabiex jottjeni dawn il-flejjes għan-nom tagħhom. Dan iqajjem ukoll dubbji dwar il-veraċita ta’ dak li stqarr is-sur Borg konsiderando li l-appellat kien talab ir-rifużjoni ta’ Lm9,500 (ekwivalenti għal madwar €20,000) mis-sinjuri Schembri permezz ta’ każ ċivili li kien inqata’ li pero l-Qorti Ċivili ma kienitx ikkonċedietlu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[2] Sentenza deċiza mill-maġistrat Edwina Grima – Numru 277/2007. Jingħad għal kull buon fini illi din is-sentenza mijiex res judicata peress illi l-Avukat Ġenerali appella għal din is-sentenza iżda minħabba l-liberatorja tal-akkużata Castillo taħt akkużi oħrajn miġjuba kontriha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali appella l-liberazzjoni tal-appellat mill-ewwel akkuza, fil-waqt li l-appellant, Joseph Borg, appella l-kundanna tieghu dwar it-tieni akkuza.

Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel Qorti, fl-analizi tal-akkuza ta' rikatt ma kienitx korretta u jadduci r-ragunijiet fir-rikors misjub hawn fuq. Min-naha l-ohra, l-appellat hu tal-fehma li l-agir tal-appellata ghalkemm muhx ortodoss ma jaghtix lok ghal dan ir-reat misjub fl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz, l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-email li baghat l-appellat kien bizzejjed biex jirradika r-responsabilita' kriminali tal-appellat. Din il-Qorti hi tal-fehma li biex tigi radikata responsabilita' kriminali fl-ewwel lok irid ikollok s-sitwazzjoni ndikata fl-artikolu tal-ligi hawn fuq imsemmi li l-appellat "... ihedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra....". hawnhekk, ma saret ebda denunzja u ghalhekk anki l-fatt li wiehed jaghti 'malafama' hu ghal kollox nieqes. L-agir tal-appellat hu tali li hu ried li l-parte civile tirrifondi l-flus lill-zewg persuni. Del resto, anki l-Qorti Civili kienet tal-fehma li dak li ghamlet il-parte civile jammmonta ghal raggiri. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tara kif l-Avukat Generali qed jippretendi li l-appellat hu hati ta' rikatt. Ghalhekk, l-appell tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Illi l-appellant, Joseph Borg, hu tal-fehma li hu ma kellhux jinstab hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu a tenur tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Jigi rilevat li dan l-artikolu tal-ligi thassar mill-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att XI tas-sena 2018. F'dan il-kuntest din il-Qorti ftit ghandha xi tghid ghas-semplici raguni li a bazi tal-principji generali, il-Qorti ghandha dejjem tapplika l-ligi l-akatr favorevoli ghall-appellant. Hu veru li skont il-Kapitolu 249, l-Att dwar l-Interpretazzjoni, artikolu 12, il-proceduri ma ghandhomx jieqfu izda jkomplu. Naturalment, ma jkun hemm ebda piena li tapplika. Min-naha l-ohra, din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza: "Il-Pulizija v. Martin Cassano" deciza fit-28 ta' Settembru, 2017 kienet tal-fehma li din l-interpretazzjoni tmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u

specifikatament l-artikolu 7 ta' tali konvezjoni.  Din il-Qorti hi tal-istess fehma.  Ghalhekk, fic-cirkostanzi attwali l-appellant ma jistax jinstab hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-Avukat Generali dwar l-ewwel akkuza u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront ta' Joseph Borg.  Dwar it-tieni akkuza, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena u tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.